

Brussell, 15 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16920/23

STATIS 80
SOC 868
EMPL 618
ENV 1507
ENER 705
EDUC 482
ECOFIN 1397
SAN 751

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Diċembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion:	COM(2023) 789 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni permezz tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 789 final.

Mehmuż: COM(2023) 789 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.12.2023
COM(2023) 789 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni permezz tar-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jstabilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2019/1700 ¹ li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati.

2. BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2019/1700, li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati għal perjodu ta' 5 snin mit-3 ta' Novembru 2019. Ir-Regolament (UE) 2019/1700 jiddikjara li d-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma joġġezzjonawx għat-tali estensjoni sa mhux aktar tard minn 3 xhur qabel ma jintemm kull perjodu. Il-Kummissjoni jeħtieġ tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin (jiġifieri sat-2 ta' Frar 2024).

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

1. F'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-Kummissjoni adottat ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni li ġejjin li jistabbilixxu jew jadattaw l-ippjanar kontinwu pluriennali:

2019

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/256 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali².

2020

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/2175 tal-20 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/256 li jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali ³.

2022

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/167 tat-3 ta' Novembru 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2020/256 li jistabbilixxi ppjanar kontinwu pluriennali ⁴.

Saru konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, matul il-ħidma preparatorja għall-atti delegati li jikkonċernaw l-ippjanar kontinwu pluriennali. Il-Kummissjoni kkonsultat lill-gruppi ta' esperti tad-“Direttori Ewropej tal-Istatistika Soċjali” u tal-“Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika”.

¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1700 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' *data* fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 261, 14.10.2019, p. 1).

² ĠU L 54, 26.2.2020, p. 1.

³ ĠU L 433, 22.12.2020, p. 20.

⁴ ĠU L 24, 26.1.2023, p. 3.

2. F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700, il-Kummissjoni adottat, għad-dominji koperti mir-Regolament (UE) 2019/1700, ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni li ġejjin:

Dominju tal-forza tax-xogħol:

2019

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/257 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titolu tal-varjabbli għad-dominju tal-forza tax-xogħol ⁵.

2020

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1640 tat-12 ta' Awwissu 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għas-suġġett *ad hoc* tal-2022 "ħilet tax-xogħol" u l-varjabbli ta' tmien snin dwar "pensjonijiet u parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol" fid-dominju tal-forza tax-xogħol ⁶.

2022

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2447 tat-30 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fuq tmien snin fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar iż-“zghażaġh fis-suq tax-xogħol”, il-“kisba edukattiva — dettalji, inkluża l-edukazzjoni interrotta jew abbandunata” u r-“rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja” ⁷.

Dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien:

2019

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/258 tas-16 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għad-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien ⁸.

2020

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/466 tas-17 ta' Novembru 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli għad-dominju tal-introjtu u tal-kundizzjonijiet tal-ġhajxien dwar is-saħħa u l-kwalità tal-ħajja ⁹.

2021

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/29 tat-28 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika n-numru u t-titolu tal-varjabbli fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien fis-Suq tax-xogħol u l-abitazzjoni, it-Trażmissjoni interġenerazzjonali tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi, id-Diffikultajiet ta' abitazzjoni, u s-suġġett *ad hoc* tal-2023 dwar l-Effiċjenza enerġetika tal-unitajiet domestiċi ¹⁰.

⁵ ĠU L 54, 26.2.2020, p. 9.

⁶ ĠU L 370, 6.11.2020, p. 1.

⁷ ĠU L 320, 14.12.2022, p. 1.

⁸ ĠU L 54, 26.2.2020, p. 16.

⁹ ĠU L 96, 19.3.2021, p. 1.

¹⁰ ĠU L 7, 12.1.2022, p. 1.

2022

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/212 tat-3 ta' Novembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli fid-dominju tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien dwar l-aċċess għas-servizzi ¹¹.

Dominju tal-edukazzjoni u t-taħriġ:

2021

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/859 tal-4 ta' Frar 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titli tal-varjabbli għas-sett tad-*data* fid-dominju tal-edukazzjoni u t-taħriġ ¹².

Dominju tal-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni:

2020

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1432 tal-14 ta' Lulju 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2021 ¹³.

2021

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1898 tal-20 ta' Lulju 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2022 ¹⁴.

2022

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2279 tal-1 ta' Awwissu 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2023 ¹⁵.

2023

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1797 tas-7 ta' Lulju 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titoli tal-varjabbli għall-użu tad-dominju tal-istatistika dwar it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għas-sena ta' referenza 2024 ¹⁶.

¹¹ ĠU L 30, 2.2.2023, p. 1.

¹² ĠU L 190, 31.5.2021, p. 1.

¹³ ĠU L 331, 12.10.2020, p. 4.

¹⁴ ĠU L 387, 3.11.2021, p. 58.

¹⁵ ĠU L 301, 22.11.2022, p. 1.

¹⁶ ĠU L 233, 21.9.2023, p. 7.

Dominju tal-konsum:

2022

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/126 tal-21 ta' Ottubru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titolu tal-varjabbli għad-dominju tal-konsum ¹⁷.

Saru konsultazzjonijiet xierqa, inkluż fil-livell tal-esperti, matul il-ħidma preparatorja dwar l-atti delegati elenkati hawn fuq adottati f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700. Il-Kummissjoni kkonsultat lill-grupp ta' esperti tal-“Istatistika tas-Suq tax-Xogħol” dwar l-abbozzi tal-atti delegati fid-dominju tas-suq tax-xogħol; lill-grupp ta' esperti “Introjtu u Kundizzjonijiet tal-Għajxien” dwar l-abbozzi tal-atti delegati fid-dominji tal-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u f'dak tal-konsum; u lill-grupp ta' esperti “Edukazzjoni u Taħriġ” dwar l-abbozz tal-att delegat fid-dominju tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Barra minn hekk, għall-atti f'dawn id-dominji kollha, il-Kummissjoni kkonsultat lill-gruppi ta' esperti tad-“Diretturi Ewropej tal-Istatistika Soċjali” u tal-“Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika”.

Fil-każ tal-abbozzi tal-atti delegati fid-dominju tal-istatistika tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, il-Kummissjoni kkonsultat lill-grupp ta' esperti “Statistika tas-Soċjetà tal-Infurmazzjoni” kif ukoll lill-grupp ta' esperti “Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika”.

Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ġew infurmati kif xieraq dwar il-konsultazzjonijiet dwar l-atti delegati kollha adottati f'konformità mal-Artikoli 4(1) u 6(1) tar-Regolament (UE) 2019/1700.

Malli addottat ir-Regolamenti Delegati, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. La l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma oġġezzjonaw għall-atti delegati fi żmien il-perjodu ta' xahrejn kif previst fl-Artikolu 17(6) tar-Regolament (UE) 2019/1700. Mal-iskadenza ta' dak il-perjodu, ir-Regolamenti Delegati ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u koll wieħed daħal fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tad-data tal-pubblikazzjoni rispettiva tiegħu.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati lilha b'mod korrett, u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-Rapport.

Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ tkompli jkollha setgħat delegati skont ir-Regolament (UE) 2019/1700. Sabiex jiġi żgurat li r-Regolament (UE) 2019/1700 jiġi implimentat b'mod korrett, aktar atti delegati jinsabu fil-proċess tal-adozzjoni jew jeħtieġ li jiġu adottati:

- biex temenda l-ippjanar pluriennali kontinwu; u
- biex tispeċifika aktar in-numru u t-titolu tal-varjabbli għad-dominji kollha koperti mir-Regolament (UE) 2019/1700 (il-forza tax-xogħol, l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, is-saħħa, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-użu tal-ħin u l-konsum), inklużi l-varjabbli tas-suġġetti *ad hoc* li għandhom jinġabru fid-dominji tal-forza tax-xogħol u f'dak tal-introjtu u tal-kundizzjonijiet tal-għajxien.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni jista' jkollha bżonn tadotta atti delegati oħra fil-futur biex tirrifletti l-progress fil-metodoloġiji tal-istatistika u tiżgura li l-istatistika tal-UE relatata ma' persuni u unitajiet

¹⁷ ĠU L 17, 19.1.2023, p. 1.

domestiċi, ibbażata fuq *data* fil-livell individwali miġbura minn kampjuni tibqa' affidabbli, eżawrjenti u komparabbli kif ukoll tissodisfa l-ħtiġijiet tal-politika.